# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

**15 ta' Jannar, 1953**

**Imħallef :**
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Joseph Laferla ne.** *versus* **Joseph Spiteri**

**Arrest Personali — Dolo u Frode — Art. 359 (a) Kap. 15.**

*L-elementi tal-frode rikjesti mid-dispożizzjoni tal-liġi relativa għall-arrest personali tad-debitur għal dolo u frode huma dawk ta' kull frode ċivili oħra, jiġifieri li d-debitur jagħmel ħsara u dannu reali lill-kreditur.*

*Il-kummerċjant li huwa konsapevoli mill-insolvenza proprja, u ntant jordna merkanzija li jaf li ma jkunx jista' jissoddisfa l-prezz tagħha, jikkommetti att frawdolent fil-waqt tal-kuntrattazzjoni tad-debitu.*

*l' meta tiġi akkwistata merkanzija mhux biex jiġi minnha magħmul profitt leċitu, imma mingħajr l-intenzjoni li tiġi mħallsa u semplicement biex tiġi rivenduta, dak l-aġir huwa l-agħar forma ta' frode.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi d-ditta attriċi biegħet u kkunsinnat lill-konvenut f'diversi okkażjonijiet il-merkanzija dettaljatament indikata fil-prospett miġjub bħala dokument "A" ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni, u li skond dak il-prospett il-konvenut baqagħlu jagħti s-somma ta' £1266. 5. 10 għall-prezz ta' l-istess merkanzija; u li l-konvenut, għalkemm ġie diversi drabi msejjaħ bonarjament biex iħallas, għadu ma ħallasx; u li l-konvenut ħa l-merkanzija b'għemil doluż u/jew bi frodi; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu, fil-kwalità predetta tiegħu, l-imsemmija somma ta' £1266. 5. 10, bilanċ tal-prezz tal-merkanzija fuq indikata; u illi, in eżekuzzjoni tas-sentenza fuq dik it-talba, jiġi kundannat għall-arrest personali għall-għemil doluż u/jew frodi, għal dak il-perijodu, mhux anqas minn tmintax il-xahar u mhux aktar minn tliet snin, li jiġi stabbilit konformement għad-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 371 (f) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew, alternativa-

ment, għall-arrest personali sempliċi, fil-każ li ma jirriżultax l-għemil doluż u/jew il-frodi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' l-elevazzjoni tat-18 ta' Settembru 1952 u tal-mandat ta' sekwestru ta' l-istess data;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq it-tieni talba;

Illi skond l-art. 359 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-arrest tal-persuna meta jiġi pruvat li d-debitur kien ħati ta' għemil doluż jew ta' frodi, jew fil-kuntrattazzjoni tad-dejn, jew billi jkun ħeba jew neħħa ħwejġu sabiex jiffroda lill-kredituri; u skond l-art. 371 (f) ta' istess Kodiċi, f'dan il-każ id-debitur ma jistax jaqla' l-ħelsien tiegħu mill-arrest jekk mhux wara li jagħlaq iż-żmien ta' mhux anqas minn tmintax il-xahar u mhux iżjed minn tliet snin li jiġi stabbilit mill-Qorti, jew fl-istess sentenza li biha jiġi mogħti l-ħruġ tal-mandat ta' l-arrest, jew, jekk ma jkunx ġie hekk stabbilit, fuq talba b'ċitazzjoni minn waħda mill-partijiet kontra l-oħra;

Illi l-elementi tal-frodi rikjesti mill-imsemmijin dispożizzjonijiet tal-liġi huma dawk ta' kull frodi ċivili oħra, jiġifieri li tagħmel ħsara u d-dannu reali tal-kreditur;

Illi, kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Valentino vs. Barbara", 31 ta' Marzu 1912, il-kummerċjant li jkun konsapevoli mill-proprja insolvenza, u ntant jordna merkanzija, u jkun jaf li ma jkunx jista' jissoddisfa l-prezz tagħha, jikkommetti att frawdolenti fil-kuntrattazzjoni tad-debitu;

Illi, inoltre, ġie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawża "Laferla vs. Gatt", 3 ta' Diċembru 1908, illi meta tiġi akkwistata merkanzija mhux biex jiġi minnha rikavat profitt leċitu, imma mingħajr l-intenzjoni li tiġi mħallsa, u sempliċement biex tiġi svenduta, dak l-aġir huwa l-agħar forma ta' frodi;

Illi, fil-każ preżenti, mill-kumpless tal-provi jirriżulta soddisfaċentement li l-konvenut kellu l-intenzjoni li jagħmel ħsara lill-attur, li fil-fatt sofra dak id-dannu, billi l-konvenut kien jaf li ma setax jissoddisfa l-prezz tal-merkanzija fuq indikata,

ii, inoltri, svenda;

Illi għaldaqstant anki t-tieni talba hija ġustifikata;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet ta' l-attur, billi tiffissa żżmien ta' l-arrest għal dolo u frode għall-perjodu ta' tmintax il-xahar; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut; però dawk relativi għall-ewwel talba jiġu taxxati kif kontra n-non opponenti.